



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10693/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0189 (NLE)

AELE 46
EEE 30
N 69
ISL 25
FL 25
MI 557
BUDGET 20
POLARM 6
POLMIL 117
RECH 345

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet
----------	---

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru ...

ta' ...

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tiġi estiża għall-Ftehim ŻEE biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2018/1092¹.
- (2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 2021/697 tibda mill-1 ta' Jannar 2021, irrispettivament minn meta din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, ikunx innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2021.
- (3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA jenħtieġ li jkunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE, sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.

¹ ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149.

- (4) Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA u l-istituzzjonijiet, l-impriżi, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħhom fil-programmi tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti fil-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari fl-Artikolu 81 tiegħu.
- (5) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat biex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' ssir mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jizzied fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE:

“- **32021 R 0697**: ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi il-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

L-ispejjeż imġarrba għall-attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mid-data tal-bidu tal-azzjoni stabbilita fil-ftehim tal-għotja jew id-deċizzjoni tal-għotja konċernati, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fihom, dment li d-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../2021 ta' ... 2021 [din id-Deċizzjoni] tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

L-Iżlanda u l-Liechtenstein għandhom ikunu eżentati mill-parteċipazzjoni fi, u mill-kontribuzzjoni finanzjarja għal, dan il-programm.”

Artikolu 2

Din id-Deċizzjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

* [Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

Dikjarazzjoni mill-Istati tal-EFTA għad-Deċiżjoni Nru ... ta' ... 2021
li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE biex tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti
biex tinkludi l-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-Fond Ewropew għad-Difiża

[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]

Din id-Deċiżjoni testendi l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti biex tinkludi l-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-Fond Ewropew għad-Difiża. L-Istati tal-EFTA jaħsbu li kwistjonijiet ta' difiża ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE, u għalhekk li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE biex tinkludi kwistjonijiet ta' difiża lil hinn mill-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-Fond Ewropew għad-Difiża. L-Istati tal-EFTA jisħqu wkoll li l-Iżlanda u l-Liechtenstein ma għandhomx jipparteciċipaw fi, jew jikkontribwixxu finanzjarjament għall-Fond Ewropew għad-Difiża.
